MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Numru 607/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Lorna Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lorna Ciantar, 31 sena, bint Laurence Brown u Mary Anne nee Stivala imwielda Pieta' fit-23 ta' Frar 1974 detentur ta' karta ta; l-identita' nru 180374M residenti fl. 7, Pjazza Sant Antnin, Binja Kordin, Blk D Paola, giet akkuzata talli fit-22 ta'

Gunju 2004 ghal habta ta’ 08.15hrs fi Triq San Anard Tarxien saqet vettura Nru HVN101:

(1) Minghajr ma kienet licenzjata mill-pulizija jew mill-awtorita’ dwar it-trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux renovata)

(2) Naqset li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kienet hierga ghal triq principali

(3) Naqset li tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika ‘STOP’

(4) U aktar b’ nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila jew arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti habtet ma mutur Nru CTR-125 u nvolontarjament ikkagunajt offizi ta’ natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta’ Hubert Gerada skond kif iccertifika Dr. Patrick Farrugia MD ta’ SLH.

F’ kas ta’ htija, il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzi kollha taghha tas-sewqan.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA3 u nnutat li l-imputata iddikjarat li m’ ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Din il-kawza tirrigwarda incident stradali li sehh gewwa Triq San Anard Tarxien fit-22 ta’ Gunju 2004 ghal-habta ta’ 08.15hrs. F’ dan l-incident stradali kienu involuti vettura Reg. Nru. HVN101 misjuqa mill-imputata Lorna Ciantar u mutur Reg. Nru. CTR-125 misjuq minn Hubert Gerada u fl-liema incident Hubert Gerada sofra griehi ta’ natura gravi per durata.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata li tinkwadra ruhha fir-Regolament 14(1) tal-A.L. 476/2004 u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti tali akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

Difatti il-Prosekuzzjoni naqset li ggib prova sodisfacenti li tissustanzja din l-ewwel akkuza.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Brian Farrugia li fis-Seduta tal-21 ta' Frar, 2007 qal:

" Ghan-nom u in rapprezentanza tal-ADT jiena gejt mitlub biex naghmel verifiki rigwardanti vettura registration number HVN101 tal-marka Fiat Punto kulur ahdar u precizament gejt mitlub biex nivverifika min kien registered owner ta' din il-vettura fid-data tat-22 ta' Gunju tas-sena 2004. U nghid li minn verifiki li ghamilt jirrizulta li r-registered owner dik id-data ta' din il-vettura kien Alan Ciantar karta ta' identita numru 318673M. "

Certament minn tali deposizzjoni ma temergi l-ebda prova li tissostanzja l-ewwel akkuza.

Il-fatt li fl-okkorrenza tal-Pulizija (Dok JC1) hemm imnizzel li l-Pulizija ser tiehu passi kriminali kontra s-sewwieqa tal-vettura Numru HVN101 rigward, inter alia, li l-vettura kienet minghajr il-licenzja tat-triq ghas-sena kurrenti, dan ma jikkostitwix provi sufficjenti li twassal ghas-sejbien ta' htija tal-imputata rigward l-ewwel akkuza.

Rigward ir-rimanenti akkuzi il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta' Hubert Gerada li fis-Seduta tal-24 ta' Ottubru, 2005, inter alia, qal:

" Rigwardanti l-incident tat-22 ta' Gunju 2004 jien kont qieghed insuq motorcycle tieghi tal-marka Yamaha registration number CTR 125. Jien kont gejt mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar u sejjer in-naha ta' Hal-Tarxien u dan ghal habta ta' xit-tmeinja, t-tmienja u ghaxra ta' filghodu (8am-8.10am). Nghid illi jien kont ghaddej mir-Triq San Anard

Tarxien. Fid-direzzjoni opposta kienet gejja karozza ta’ l-ghamla Fiat Punto u din baqghet hierga minn fuq l-istoop sign, baqghet hierga ghal gol-main road u din habtet go fija u dan fuq il-genb tan-naha tal-lemin. In kwantu ghal min kien qieghed isuq dak il-hin jien minhabba li bl-impatt spiccajt f’ certu distanza ma stajtx nara min kien qieghed isuq. Li naf zgur huwa li smajt twerzieq u ghajjat b’ ton femminili allura fhimt illi l-persuna li tajritni setghet kienet mara. It-temp dakinhar kien bnazzi. ”

“……………………………………”

“ Jien dakinhar kont ghaddej bi speed ta’ bejn erbghin u hamsin (40-50) kilometru fis-siegha. Jien il-vettura li habtet mieghi rajtha gejja mid-direzzjoni opposta. Il-vettura kienet fuq in-naha tal-lemin tieghi. <u>Nghid illi l-vettura kienet qed tipprocedi biex taqsam u tidhol ghal gewwa Bulebel Industrial Estate. Nghid illi din baqghet hierga dritt u dahlet go fija u nghid illi minn fejn kienet hierga hi kien hemm stop sign. Jien rajtha hierga lil din il-vettura minghajr din ma waqfet fl-istop sign.</u>

“…………………………” “ Nghid illi jien sal-lum ghadni nbaghti bil-griehi li sofrejt rigwardanti dan l-incident u ghandi musmar li huwa mwahhal gewwa saqajja u gie mwahhal l-isptar f’ saqajja l-leminija. Kultant jigi r-rih taghha u jkolli l-ugiegh. It-tarag ma nkunx nista’ nitilghu jekk ikolli oggett tqil f’ idi. Dan l-ugiegh jaffettwani ukoll fix-xoghol tieghi, jien peress li nahdem pulizija jien ma nkun nista’ nahdem fuq bead duty ghal ul ta’ hin. Il-Fiat Punto li dahlet go fija ma ghandix idea x’ kulur kienet.” “……………” (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro–ezami ix-xhud Hubert Gerada fis-Seduta tal-20 ta’ Novembru, 2007 xehed illi:

“ Qed nigi muri d-dokument dok TPA 1 li jinsab a fol 38 tal-process u li huwa sketch. Nghid jiena kont gej mid-direzzjjoni ta’ Bulebel iz-zghir sejjer fid-direzzjoni tal-Barrani. In kwantu, qed nigi mistoqsi mid-Difiza kif naghti spjegazzjoni li jiena allura skond id-direzzjoni kont gej minn naha tal-left pero’ il-hsarat fuq il-vettura ta’ l-imputat

qeghdin fuq in-naha tar-right nispjega illi, nghid illi l-imputata kienet gejja minn naha tal-Fgura meta jiena kont gejt minn naha ta' Bulebel iz-zghir sejjer lejn tal-Barrani. Nghid illi imbaghad hemm stop sign. L-imputata kienet gejja mid-direzzjoni ta' l-istop sign biex tidhol gewwa Bulebel Industrial Estate. Hija baqghet hierga minn go l-istop sign biex tibqa' sejra ghal Bulebel Industrial Estate u l-imputata imbaghad dahlet fuq irt-right tieghi. Nghid illi jiena kont ghaddej b' mutur u l-imputat bil-vettura taghha habtet man-naha tar-right tieghi. Inzid nghid illi l-pozizzjoni fejn hemm indikata l-vettura ta' l-imputata fuq dana l-isketch m' hijiex l-ispot of impact. Fil-fatt l-ispot of impact hija hafna iktar 'l isfel u qeghda kif indikata fuq l-isketch. Nghid illi hi u cioe' l-imputata meta harget mill-istop sign kienet qeghda iddur lejn in-naha u kienet sejra lejn id-direzzjoni ta' Bulebel Industrial Estate. Meta hi allura harget mill-istop sign daret hi laqtitni bi-naha tal-lemin taghha u precizament u cioe' bil-parti tal-bonnet, bil-bonnet fuq in-naha tal-lemin tieghu u bid-dawra ghal fuq in-naha tal-lemin ghal genb tal-karozza taghha minn naha ta' quddiem." (Sottolinjar tal-Qorti).

L-Imputata Lorna Ciantar fis-Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007, inter alia, xehed illi:

" Nghid illi fid-data tat-22 ta' Gunju tas-sena 2004 jiena kont gejja minn naha tal-Fgura. Dana biex naqsam ghal Triq Bulebel biex immur ghax-xoghol. Kif jiena hrigt mill-Fgura kien hemm Stop sign u jien waqaft. Bdew gejjin karozzi minn naha tal-barrani kif ukoll karozzi minn naha taz-Zejtun. Jiena waqaft mal-istop sign. Harist lejn in-naha tax-xellug u lejn tal-lemin biex nara kienux gejjin karozzi. Kif rajt li ma kienx gej traffiku jiena soqt. Kif jien wasalt biex nidhol it-triq ta' Bulebel smajt hoss. Jiena waqaft. Hrigt mill-ewwel mill-karozza. Jien rajt ragel mixhut mal-art. Illi dak il-hin jien hadt l-impressjoni illi dan ir-ragel kien ragel li kien qed jaqsam pero' aktar tard rajt mutur. Nghid illi l-hsarat tieghi fuq il-vettura kienu qeghdin fuq il-lemin. Nixtieq nippreciza li l-hsara kienet fuq id-dawra tal-fanali minn naha tar-right u jkomplu wkoll ghal fuq il-fanal in kwantu ghal parti li hemm fuq il-front tal-karozza. U nixtieq nghid ukoll li l-hsara kompliet fuq in-naha tar-right minn

naha tad-dawra tal-fanal anki lejn il-bieba tieghi. Pero' nghid illi l-bieba tieghi u cioe' l-bieba tad-driver ma kelliex hsarat."

"………………………………." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-imputata Lorna Ciantar fl-istess Seduta qalet :

"Kienu xi tmienja u hamsa ta' fil-ghodu li jiena tlaqt mid-dar., Nghid ili nghaddi minn din it-triq ghal dawn l-ahhar 4 snin. Nghid jiena dakinhar u lanqas matul il-lejl ta' qabel ma kontx xrobt xorb alkoliku."

"………………………………………"

"Jiena nikkalkula li ghadda bhala hin xi minuta u nofs mill-hin li jiena kont ergajt bdejt insuq minn wara li kont waqaft sal-mument li smajt il-hoss."

Skond l-Okkorrenza tal-Pulizija (Dok JC1) il-hsarat fuq il-vettura Reg. Nru. HVN101 misjuqa mill-imputata kienu fuq il-front bumper, front right mudguard, front bonnet u front right lights.

Fil-fehma tal-Qorti mis-suespost jemergi li l-imputata certament naqset li zzomm "a proper lookout" fis-sewqan taghha f' kundizzjonijiet tat-temp "clear" (Ara Okkorenza tal-Pulizija (Dok JC1)) u fit-tip ta' triq li sehh l-incident de quo, l-imputata naqset li tara dak, li kieku zammet a "proper look out", kienet tara.

Hawn il-Qorti sejra tincita is-segwenti bran mid-deposizzjoni tal-imputata (Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007):

"Kif jien wasalt biex nidhol it-triq ta' Bulebel smajt hoss. Jien waqaft. Hrigt mill-ewwel mill-karozza. Jiena rajt ragel mixhut fl-art. Illi dak il-hin jien hadt l-impressjoni illi dan ir-ragel kien ragel li kien qed jaqsam pero' aktar tard rajt mutur."

Minn dana l-bran mid-deposizzjoni tal-imputata jemergi b'mod car in-nuqqas ta "proper lookout" da parti tal-imputata. Inoltre il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-kumpless tal-provi u tenut kont id-dinamika tal-incident, dak dikjarat mix-xhud Hubert Gerada bil-gurament meta xehed li l-imputata baqghet hierga minn go l-istop sign biex tibqa sejra ghal Bulebel Industrial Estate, hija wahda kredibbli.

Fil-fehma tal-Qorti il-mod kif saqet l-imputata li bih wassal ghall-incident mertu ta' din il-kawza jammonta ghall-sewqan bi traskuragni kbira.

Rigward in-natura tal-griehi sofferti minn Hubert Gerada fl' incident mertu f'din il-kawza, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova b' mod sodisfacenti li tali griehi huma ta' natura gravi per durata.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Hubert Gerada (Seduta tal-24 ta' Ottubru, 2005), Dok HG1, Dok HG2, Dok HG3, deposizzjoni ta' Mr. Carmelo Sciberras MD FRCS Consultant Orthopaedic Surgeon (Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006) u deposizzjoni ta' Dr. Patrick Farrugia MD (Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006).

Ghaldaqstant il-Qorti fid-dawl tas-suespost li hi tal-fehma li nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata tali akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata u li nkwantu ghat-tieni akkuza, it-tielet akkuza u ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputata dawn l-akkuzi jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Rat ir-Regolament 76 tal-Avviz Legali 128 ta' l-1994, ir-Regolament 2 tal-Avviz Legali 94 ta' l-1969, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, u l-artikolu 17 u 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata Lorna Ciantar ma ssibx lill-imsemmija imputata hatja ta' din l-akkuza stante li tali akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata u tillibera lill-imsemmija

imputata Lorna Ciantar minn din l-ewwel akkuza, u rigward it-tieni akkuza, it-tielet akkuza u ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputata Lorna Ciantar issib lill-imsemmija imputata Lorna Ciantar hatja ta' dawn l-akkuzi u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputata, tikkundanna lill-imputata Lorna Ciantar ghall-piena komplessiva ta' Elf hames mija u erbatax Ewro u disa' centezmi ta' Ewro (Ewro 1514.09) multa ekwivalenti ghall-sitt mija u hamsin Liri Maltin (Lm650).

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-imputata Lorna Ciantar milli kollha jew milli tikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien (8) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------